# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-15 ta' Novembru 2023**

**Rikors Nru : 396/2023 JPG**

**Kawza Nru : 16**

**MV**

**Vs**

**AV**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' MV datat 13 ta' Lulju 2023 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar l-erbgha ta' Novembru tas-sena elfejn (04/11/2000) u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A;*

2. *Illi miz-zwieg taghhom twieled wild wiehed, NV nhar X, li llum ghadu student fuq bazi full time;*

3. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Mary sive Mariella Mizzi nhar it-tmienja ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (08/10/2012) (kopja hawn annessa u mmarkata Dok B)*

4. *Illi fl-imsemmi kuntratt, il-partijiet kienu rregolaw il-manteniment tal-wild, liema manteniment dejjem thallas mir-Ragel u dwar liema m'hemm ebda*

*pendenzi u/jew arretrati;*

5. *Illi l-partijiet kienu rrinunzjaw mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin;*

6. *Illi m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

7. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

8. *Illi l-esponenti tixtieq li tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossia' Zammit;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossia 'Zammit';*

3. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;*

*U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Intimat datata 11 ta' Ottubru 2023, a fol 23, li taqra hekk:

1. *Illi huwa jikkonferma li l-partijiet ilhom separati mit-8 ta' Ottubru 2012;*

2. *Illi da parti tieghu ma hemm ebda  manteniment pendenti;*

3. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni;*

4. *Illi huwa ma jopponix ghat-talbiet rikorrenti.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 20) illi l-partijiet izzewgu nhar l-4 ta' Novembru 2000, u minn dan iz-zwieg kellhom wild, li ghadu qed jistudja fuq bazi full-time. Sostniet illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Mariella Mizzi datat nhar 8 ta' Ottubru 2012. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimat xehed** (vide fol 24) u kkonferma u kkorrabora ix-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

*(… omissis)*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment*

> ***adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-4 ta' Novembru 2000, liema zwieg jgib certifikat numru 1985/2000 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu qed jistudja full-time.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Mary sive Mariella Mizzi nhar it-8 ta' Ottubru 2012 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1985/2000 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu' tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Zammit, u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**